

# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 41

Ir-Rużarju huwa arma qawwija biex wieħed jikkumbatti lid-demonju u jżomm ruħu ’il bogħod mid-dnub. Jekk intom tridu l-paċi f’qalbkom, fid-djar tagħkom, f’pajjiżkom, inġabru kull filgħaxija biex tirreċitaw ir-Rużarju. Tħallux ġurnata waħda tgħaddi bla ma tgħiduh,
tkunu kemm tkunu mħabbtin b’ħafna xogħol u taħbit,
Il-Papa Piju XI

## IL-PAPA PIJU XI
Achille Ratti 1922 1939

Neżortawkom, nikkwotaw l-eżempju tagħna stess, li ma tħallux jum wieħed jgħaddi bla tirreċitaw ir-Rużarju, tkunu kemm tkunu mgħobbijin b’ħafna ħsibijiet u xogħol. nixtiequ b’ħeġġa kbira.. li l-Imqaddes Rużarju jkun reċitat kemm fil-knejjes kif ukoll fid-djar.

Il-missierijiet u l-ommijiet tal-familji partikularment għandhom jagħtu l-eżempju lill-uliedhom, speċjalment meta, f’inżul ix-xemx, jinġabru wara ġurnata xogħol, fil-ħitan ta’ djarhom, biex jirreċitaw l-Imqaddes Rużarju fuq l-irkubbtejn quddiem ix-xbiha tal-Verġni.



Slaten u prinċpijiet, tkunu kemm tkunu mgħobbijin b’ħidma urġenti u b’xogħolijiet, agħmluh dmirhom li jirreċitaw ir-Rużarju.
Aħwa Venerabbli, rajna li jaqbel li bil-ħeġġa neżortawkom, u permezz tagħkom lill-fidili kollha, biex twettqu din il-prattika qaddisa –
(li tirreċitaw ir-Rużarju)

Ir-Rużarju huwa arma qawwija li tkeċċi lid-demonji.

Jekk żminijietna fil-kburija kollha tagħha tidħaq u tirreġetta r-Rużarju ta’ Marija, leġjun bla għadd tal-aktar nies qaddisa u ta’ kull kundizjoni mhux biss jgħożżuh u bid-devozjoni jirreċitawh iżda wkoll jużawh f’kull żmien bħala arma mill-aktar qawwija biex jegħlbu lix-xitan, biex jippreservaw is-safa ta’ ħajjithom, biex jaqilgħu il-virtù aktar bil-ħeġġa, f’kelma waħda, biex iġibu l-paċi fost il-bnedmin.

Il-Papa Piju XI